# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Annwali

**27 ta' Frar, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex sejjaħ il-laqgħa annwali tal-Lokalita' li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

Max Zammit – Sindku
Ronald Portelli – Viċi Sindku
Eugenio Muscat – Kunsillier
Frank Roe - Kunsillier
Louise Cachia Castelletti – Kunsillier

Membri tal-Pubbliku:

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

**Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE**
**Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt**

# Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 1 Indirizz ta' Merħba

**1.1** Is-Sindku Max Zammit ta' merħba lill-pubbliku preżenti.

## 2 Rapport ta' Ħidma tal-Kunsill għas-Sena 2017

**2.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra r-rapport tal-ħidma tal-Kunsill matul is-sena 2017.

## 3 Estimi Finanzjarji

**3.1** Is-Sindku Max Zammit talab lis-Segretarju Eżekuttiv jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2018.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara rapport li jelenka l-punti saljenti tal-estimi finanzjarji.

## 4 Interventi mill-Pubbliku

**4.1** Eżatt kif jibdew il-konfini ta' Ta' Xbiex fi Triq Prinċipessa Margerita hemm bżonn li jsiru *traffic lights* għax din hija triq prinċipali u jgħaddu ħafna karozzi. Is-sindku wieġeb li meta l-Kunsill kien ressaq talba ma ġietx approvata min naħa tat-*Transport Malta*.

**4.2** Min mindu Triq Imradd inagħtat it-*tarmac*, din it-triq ġiet sabiħa ħafna imma l-karozzi qed jgħaddu b'veloċita' kbira, għaldaqstant hemm bżonn li jsiru xi *sleeping police bumps.* Is-Sindku wieġeb li din kienet diġa ġiet innotata u dik il-ġimgħha stess rċevejna mingħand it-*Transport Malta* approvazzjoni tat-talba tagħhom

**4.3** Meta kien għaddej il-proġett tal-Kappara kien inbiddel it-t*raffic management* fi Triq ix-Xatt, issa li l-proġett tlesta jixtiequ jerġa jiġi kif kien qabel ħalli nerġgħu nibbenifikaw dak il-parkeġġ li konna tlifna. Il-Kunsill diġa ġie nfurmat li dan għandu jerġa jiġi kif kien qabel.

**4.4** Fejn hemm il-proġett tal-*flood relief* innutaw li m'hemmx aċċess għal dawk in-nies b'diżabilita' għaldaqstant jixtiequ li ssir rampa ħalli kulħadd jista jgawdi l-baħar u japprezza s-sbuħija li għandna ġewwa Ta' Xbiex. Is-Sindku wieġeb li qed ikollu ħafna *meetings* man-nies responsabbli ta' biex dan il-proġett biex issir din ir-rampa. Huwa qal ukoll li il-kunsill għandu l-

approvazzjoni mil-*Planning Authority.*

**4.5** Triq Prinċipessa Margerita hemm bżonn li jinżabru s-siġar tal-prinjol għax dawn kibru wisq u hemm minnhom qed imissu mat-tieqa u anke mal-gallarijiet.

## 5 Għeluq tal-laqgħa;

**5.1** Is-Sindku irringrazzja lill-membri tal-pubbliku preżenti talli għoġobhom jattendu u jipparteċipaw.

## 5.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum it-Tnejn 26 ta' Marzu, 2018.**

| | |
|---|---|
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Clayton Xuereb**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |